MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 1218/2013

**Artikoli 221, 251B, 325(b), 338 (bb) (dd) u 412C tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**EMANUEL ZERAFA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **EMANUEL ZERAFA,** iben John u Catherine nee’ Dingli, imwieled Haz-Zabbar nhar it-12 ta’ Frar, 1958 u residenti 115, Carm Leli, Triq Paris, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 163058(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

Talli nhar is-17 ta’ Novembru 2013 ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (18:30hrs) gewwa Misrah Muxi Haz-Zebbug u f’dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.47 ewro, imma anqas minn 1164.69 ewro ghad-detriment ta’ Filippo Mifsud u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanza ikkaguna offizi fuq il-persuna ta’ Filippo Mifsud u/jew persuni ohra, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, liema offizi jitqiesu li huma hfief skond kif iccertifikat Dr Monica Camilleri Med Reg: 3377.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi qal kliem indecenti u oxxen fil-pubbliku.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Filippo Mifsud u/jew persuni ohra biza' li ser tintuza' l-vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu.

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Filippo Mifsud sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu l-hsara.

Finalment talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja u hedded lil Filippo Mifsud u/jew persuni ohra bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Filippo Mifsud billi tigi applikata l-provediment tal-Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok CSH, fedina penali mmarkata bhala Dok CSH1, kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Dicembru 2013,

stqarrija mmarkata bhala Dok. RA u dikjarazzjoni ghar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat li giet immarkata bhala Dok. R1.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta fl-14 ta' Mejju, 2014.

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed fl-14 ta' Mejju 2014 fejn ikkonferma l-akkuzi odjerni mahruga fil-konfront tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla bhala Emanuel Zerafa. Huwa esebixxa bhala dokument CSH att mill-estratt tat-twelid tal-istess imputat, Dokument CSH 1 li hija fedina penali tal-istess imputat kif ukoll il-kunsens mahrug mill-Avukat Generali li huwa datat tnax (12) ta' Dicembru, elfejn u tlieta (2013) liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH 2.

**L-Ispettur Roderick Agius** iddikjara li nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2013 ghall-habta tas-sebgha u ghaxra (19:10) ta' filghaxija certu Filippo Mifsud irrapporta illi ftit tal-hin qabel kellu argument ma' certu Emanuel Zerafa gewwa Misrah Muxi, Haz-Zebbug. Huwa stqarr illi qam argument bejn iz-zewg partijiet u l-istess Emanu el Zerafa li qed jaghraf fl-Awla kien hebb ghalih u sforz ta' dan kien garrab xi griehi u garrab xi hsara fin-nuccali tal-vista tieghu. Huwa stqarr illi huwa pproduca stima tal-hsarat illi kienet tammonta ghal mitejn u hamsa u hamsin Ewro (€255). Huwa mar ukoll

ghall-kura u pproduca certifikat fejn hemm deskritt li kien hemm griehi ta' natura hafifa.

L-Ispettur kien kellem lis-Sur Zerafa gewwa l-ufficcju tieghu fejn kienet ittiehdet stqarrija u nghata s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-fiducja tieghu. Is-Sur Zerafa qal li kienu ghall-habta tas-sitta u kwart (18:15) ta' filghaxija meta kien gej mill-quddies u kif kien ser idahhal il-karozza fil-garaxx tieghu gie Filippu bir-rota u bdew jitghajjru kemm jifilhu bejniethom u f'hin minnhom rah johrog mus minn gol-but ghalih. Wara huwa mbuttah u waqa' mal-art. L-Ispettur f'dak l-istadju nfurmah illi kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu l-Qorti. Huma waslu wkoll fi ftehim sabiex l-imputat ihallas il-flus dovuti tal-hsara qabel ma jitressqu l-Qorti imma ghal xi raguni li ma jafx il-parte civile ma accettax dawn il-flus.

Ix-xhud esebixxa l-istqarrija li giet immarkata bhala dokument RA. Huwa gharaf fuq din l-istqarrija l-firma tieghu, dik ta' PC 1076 u kif ukoll tal-imputat. Huwa kkonferma wkoll li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat inghata s-solitu twissija. Huwa esebixxa wkoll bhala dokument RA 1 id-dikjarazzjoni tar-rinunzja tad-dritt tal-parir legali li huwa datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, elfejn u tlieta (2013) liema dokument gie mmarkat bhala dokument R1. Huwa esebixxa wkoll estratt tat-twelid tal-parte civile li gie mmarkat bhala dokument R2. L-Ispettur esebixxa wkoll ricevuta tal-ispiza ikkoncernata mahruga minn Joseph Camilleri Opticians li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument R3.

In kontro ezami l-Ispettur ikkonferma li effettivament nhargu *charges* fil-konfront tal-kwerelanti pero' dawn jinsabu pendenti quddiem id-distrett ta' Hal-Qormi.

**Dr Monica Camilleri** xehdet fl-14 ta' Mejju, 2014 fejn rat ic-certifikat mahrug minnha datat tmintax (18) ta' Novembru, 2013 liema certifikat hija esebiet prezenzjalment u li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MC. Hija kkonfermat illi fit-tmintax (18) ta' Novembru, 2013 ghall-habta tal-ghaxra neqsin tnax-il minuta ta' filghodu hija kienet ezaminat lil Philip Mifsud gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Ix-xhud spjegat illi effettivament hija kienet rat zewg x-rays ta' dan Philip Mifsud minn fejn irrizulta illi wiehed mill-x-rays kien ittiehed fid-dsatax (19) ta' Novembru, 2013. Jinghad li dwar il-kustilja tax-xellug tal-istess Mifsud u kien gie rrappurtat li ma jidhirx li kien hemm xi ksur jew problemi ta' trawma u mill-x-ray iehor mehud rigwardanti l-ispina n-naha t'isfel tad-dahar u tas-secrum wkoll ma jirrizultax li kien hemm xi ksur jew xi problemi tat-trawma.

Ix-xhud esebiet ukoll certifikat iehor mahrug minnu li gie mmarkat bhala Dokument MC 1. Hija harget dan ic-certifikat lejliet u cioe' fis-sbatax (17) ta' Novembru, 2013 ghall-habta tas-sebgha (19:00) ta' filghaxija. Hija tiftakar li dakinhar hija kienet regghat ezaminat lil Philip Mifsud u din id-darba kienet sabet diversi feriti kollha ta' natura hfief. Il-feriti in kwistjoni huma kollha deskritti f'dan l-istess certifikat immarkat bhala dokument MC 1. Mistoqsija mill-Qorti jekk minn dakinhar l'hawn hija regghatx ezaminat lil Philip Mifsud wiegbet illi le ma ratux.

**PS 546 Mario Deguara** xehed fid-9 ta’ Gunju 2014 fejn iddikjara li fis-sbatax (17) ta' Novembru, 2013 ghall-habta tas-sebgha u kwart (19:15) ta' filghaxija kien gie l-Ghassa certu Philip Mifsud fejn kien ghamel rapport fil-konfront ta' Emanuel Zerafa fuq xi affarijiet li kellhom fid-dar. Huwa tenna li l-imputat hu mizzewweg lil oht Philip Mifsud. Ix-xhud spjega li Philip Mifsud xtaq ibajjad bitha gewwa Misrah Muxi, Haz Zebbug, u qallu wkoll li kellu mutur tal-hart li hija proprjeta' ta' Emmanuel Zerafa u Zerafa qallu li ma xtaqx li jnehhih minn hemm. Dawn itlewmu u rrapportalu li effettivament l-imputat kissirlu n-nuccali tal-vista u qalbu minn fuq ir-rota. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza li kien qed jixhed minn fuqha u giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PS. In-nuccali kissru l-imputat u n-nuccali kien jappartjeni lil Philip Mifsud.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi certifikati medici rrelevanti ghal dan l-incident wiegeb li iva. Huwa jiftakar illi dakinhar li Philip Mifsud kien gie l-Ghassa kien stqarr mieghu li ma kienx qed jara u dan peress li kien qala' daqqa ta' ponn u kienu tajrulu n-nuccali minn wiccu. Fil-fatt kien ordna lill-Pulizija li kellu mieghu sabiex jiehduh il-Policlinic tal-Furjana. Haduh il-Policlinic tal-Furjana u gie lura b'certifikat mediku li huwa rah esebit fl-atti mmarkat bhala dokument MC a fol. 14. Mistoqsi jekk l-imputat kellmux qal li iva kellmu, ha l-verzjoni tieghu u fil-fatt Emanuel Zerafa qallu li kien Philip Mifsud li hebb ghalih billi qabad serratizz u sussegwentement gew fl-idejn. Mistoqsi jekk rax xi feriti fuq il-persuna ta' Philip Mifsud wiegeb li iva dehrlu li kellu tbengila fuq imniehru u ra wkoll li kellu n-nuccali miksur.

**Filippo Mifsud** xehed fid-9 ta’ Gunju 2014 fejn jiftakar illi jum fost l-ohrajn kien ghadu gej mill-quddies filghaxija u meta gie biex jiftah id-dar sab lill-

imputat li gharaf prezenti fl-Awla, tah daqqa ta' ponn u qabadlu r-rota li kien fuqha u beda jimbottah biha. Ix-xhud stqarr illi waqa’ u l-imputat qabad serratizz li kien hemm u ta daqqa ohra bih lix-xhud. Ix-xhud iddikjara li ghall-ewwel ma ndunax li kien hemmhekk u jista' jkun kienu mohbijin go karozza. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex kellhom dan l-incident wiegeb illi appena rah qabel ma gie ghax-xhud, talbu biex inehhi l-mutur li kellu peress li kien qed ibajjad il-bitha u peress li hemm dan il-mutur kbir fil-bitha ma setghux jarmaw fil-bitha biex jaghmlu x-xoghol u minnufih qabad itih. Imbaghad ix-xhud jaf li mar il-Policlinic tal-Furjana u tawh certifikat mediku u sussegwentement mar ghand Joseph Camilleri Optician il-Belt u cioe’ ghand min kien ghamel in-nuccali u tah l-istima li tinsab esebita fl-atti mmarkata bhala dokument R 3.

Mistoqsi meta sar l-incident wiegeb illi ma jiftakarx ezatt u jahseb li kien xi sbatax (17) ta' Ottubru 2013. Huwa ghandu hamsa u sebghin (75) sena. Ix-xhud jaf li kienu ltaqghu fl-ufficcju tal-Ispettur u qal lix-xhud li kien lest li jaghtih il-flus l-imputat pero' ma riedx inehhilu l-mutur mill-bitha. Zerafa dak il-hin kien hemmhekk ma' martu. Huwa ddikjara li l-mutur ghadu hemm sal-lum. Cahad illi mart l-imputat qaltlu illi jekk kellux xi haga xi jghid kellu jghid lilha anzi sostna li kienet hemmhekk u giet mieghu biex isawtuh u ddikjara li huwa ma offendiehx izda kien l-imputat li offendieh. Huwa cahad li hareg temprin mill-but, izda mill-but hareg biss cavetta biex jiftah id-dar. M’huwiex minnu li l-imputat qabad ir-rota biex jiddefendi ruhu, izda qabad ir-rota biex itih biha. Huwa qal li meta huwa beda jimbuttah lura bir-rota hemm forn hdejhom li jkollu l-injam wara l-bieb u nqaleb kollox fuq ix-xhud u l-imputat qabad is-serratizz u tah bih.

**Emanuel Zerafa** l-imputat xehed fl-1 ta’ Lulju, 2014 minn jeddu u b mod volontarju fejn iddikjara li huwa kien mar ghall-quddies tal-hamsa ta’ filghaxija (17:00) flimkien mal-mara u meta kien ser idahhal il-karozza tieghu gie fuqu Philip Mifsud u qallu biex inehhilu t-*tractor* mid-dar fejn il-mara tieghu ghandha sehem minnha. L-imputat spjega li Filippo Mifsud ghandu wkoll sehem, ghandu kwart. Huwa tenna li huwa u Filippo bdew jitghajru f’daqqa u l-hin. Filippo kien fuq ir-rota dak il-hin u nizel minn fuq ir-rota, dahhal idejh fil-but u hariglu mus. Meta ra hekk l-imputat mar fuqu mill-ewwel u Filippo mexa bir-*reverse* u tfixkel fir-rota tieghu stess u waqa’ mal-art, qam jigri minn fuq ir-rota, sab seratizz minn hdejn tal-forn u gie biex jaghtih bih. Meta Filippo beda jaghtih bis-seratizz l-imputat qabad ir-rota tieghu stess u beda jilqaghlu biha. L-imputat spicca li hadlu s-seratizz, qam jigri u mar id-dar. Il-mara tal-imputat qaltlu biex imorru lejn l-Ghassa ghaliex dan ir-ragel huwa perikoluz imbaghad gie l-Ghassa hu wkoll u allega li kissirlu n-nuccali u minghajr nuccali qal li ma jarax. Mid-dar sal-Ghassa hemm il-boghod allura sostna mhux vera li ma jarax. Huwa tenna li ftit zmien wara kienu baghtu ghalih l-Ghassa ta’ Hal Qormi u dan sabiex jirrangaw il-pendenzi ta’ bejniethom u allegalu li kien kissirlu n-nuccali. Hawn l-imputat staqsieh kemm kien jiswa' dan in-nuccali u qallu li kien jiswa' mitejn u tletin ewro (€230) u qallu wkoll li kien lest li jhallasulu ghax il-Qorti ma fihx hobz. Filippo wiegbu li huwa mhux il-flus tan-nuccali ried, izda xtaq li martu ma tidholx aktar f’din id-dar fejn ghandha sehem u l-Ispettur dak il-hin qallu li dak kien kaz u din kienet kwistjoni ohra. L-Ispettur spjegalu li sabiex mart l-imputat ma tidholx aktar hemm gew kien hemm bzonn li jifthilha kawza u Filippo qal li ma riedx jirranga u ghalhekk qabad u telaq.

Wara xi xahar kien rega' baghat ghalih is-Surgent ta' Haz Zebbug u qallu biex imur fejn kellu t-*tractor.* Is-Surgent staqsieh ghaliex kien qieghed hemm bla numru u qallu li kien xtrah minghand il-Marsa Sports u huma ma juzawhx bin-numru ghaliex huma privat izda s-Surgent ma emmnux, u l-imputat qallu li kien hallas hamsin Lira Maltin (Lm50) tieghu. Sussegwentement l-imputat qabdu mac-*Chairman* tal-Marsa Sports, certu Albert Bonnello u kkonfermalu li kien bighulu ghal hamsin (50) Lira Maltin. Sussegwentement l-imputat mar ghand l-agent, tah karta u waqfu l-proceduri fuq dik il-kwistjoni pero' spicca l-Qorti fuq dawn l-akkuzi.

Huwa spjega li bejnu u bejn Filippo Mifsud kien hemm xi metru meta hariglu l-mus u huwa haseb li jekk jaghtih ic-cans kien ser jaghtih xeba' mus. L-imputat fl-ebda hin pero' ma missu u qal li l-grif li kellu kien ghax waqa' minn fuq ir-rota. Mistoqsi jekk huwa bezghax meta hariglu l-mus, wiegeb li iva huwa beza' minnu. Mistoqsi ghaliex effettivament ma geriex il-boghod minflok mar ghal fuqu wiegeb li huwa dak il-hin hekk haseb. Mistoqsi jekk ghamillux xi griehi meta hebb ghalih bis-seratizz wiegeb li le ma ghamillux u meta huwa beda jaghtih bis-seratizz l-imputat qabad ir-rota tieghu u beda jilqa' biha. L-imputat ghandu sitta u hamsin (56) sena. Lil Filippo Mifsud jafu sew ghax qabel kienu hbieb u l-imputat kien jiehdu mieghu anke bid-daghjsa. Pero' spjega li ghandhom kwistjoni bejniethom fuq wirt. Huwa jaf li Filippo Mifsud ghandu xi erbgha u sebghin (74) sena. Fil-fatt jiddispjacieh ta' dak li gara. Mistoqsi kemm dam biex hareg il-mus wiegeb li effettivament ftit tal-hin kull ma' kien hemm qabel ma' hargu.

Huwa kkonferma dak li gie ssugerit lilu li dakinhar Filippo Mifsud kien qed jizboh fil-bitha fejn kien hemm it-*tractor*. Huwa ma jaf bl-ebda sentenza

tal-Magistrat Mizzi fejn m'ghandhomx jersqu lejn dan il-post u li effettivament l-uzufrutt ma jghajjatx lill-mara tieghu wkoll.

**Carmen Zerafa** xehdet fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjarat li hija tigi mart Emanuel Zerafa, l-imputat odjern. Hija spjegat li Filippo Mifsud huwa huha minn tal-ewwel zwieg. Tiftakar illi jum fost l-ohrajn kienu gew mill- quddies u Philip Mifsud kien gie bir-rota. Ir-ragel taghha kien qed jiftah il-garaxx biex idahhal il-karozza tieghu gewwa u Filippo Mifsud beda jghajjat kemm jiflah minn naha l-ohra. Qallu biex inehhilu t-*tractor* minn hemm u dan ghaliex it-*tractor* jinsab fid-dar komuni li ghandhom. Ix-xhud iddikjarat li hija xorta ghandha dritt ta' uzu minn din id-dar. Taf li zewgha qalilha biex tkellmu bil-mod u dak il-hin Filippo Mifsud qalilha li xtaq ibajjad u qallu li hu kien lest li jnehhihulu u jerga' jaghmlu fejn kien. Filippo Mifsud beda jidghi kemm irid u ghamel fratterija shiha, nizel minn fuq il-*bicicletta* tieghu, fetah mus u kien ser jibda jxejjer lejn ir-ragel taghha L-imputat fil-pront qabad ir-Racer tieghu stess u beda jilqa' bih. Filippo Mifsud waqa b'lura, mar gan seratizz kbir minn hdejn tal-forn vicin u Filippo Mifsud beda jaghti lir-ragel taghha go rasu b'dan is-seratizz. Pero' Emanuel Zerafa kien pront jilqa' bir-Racer ta' Mifsud stess. Hija dak il-hin qalet lil Emanuel Zerafa biex imorru l-Ghassa u Filippo Mifsud dahal gewwa d-dar u marru jaghmlu rapport l-Ghassa.

Ix-xhud taf li Filippo Mifsud kien xi metru l-boghod minn Emanuel meta hareg il-mus. Gie allegat li hija effettivament ma ratx dan l-incident isir, pero' qalet li mhux minnu, hija kienet barra fit-triq u rat kollox isir, kienu ghadhom gejjin mill-quddies. Hija taf li Emanuel Zerafa meta ra lil Mifsud bil-mus tbaxxa gabar ir-Racer u beda jilqa' bih. Fl-ebda hin ma rat lir-ragel

taghha jmur jipprova jiehu l-mus minn idejh u sostniet illi l-incident ratu kollu. Hija qalet li ghandha garaxx faccata tal-propjeta' inkwistjoni fejn ghanda din il-kwistjoni tal-wirt. Mistoqsi fejn kien huha dakinhar tal-incident, wiegbet li kienu hdejn xulxin. Huma kienu ha jdahlu l-karozza fil-garaxx u huha kien hdejn id-dar tal-papa' taghha. Mistoqsi x'kien qed jaghmel huha dakinhar hemmekk wiegbet li ma tafx, pero' taf li gie bir-Racer. Huha kien quddiem daru u x-xhud u zewgha kienu quddiem il-garaxx taghhom. Sostniet illi zewgha fl-ebda hin ma ghamel xejn, laqa' biss.

Semghet lid-difiza tiddikjara fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2014 li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq u semghet fl-istess seduta l-partijiet jitrattaw il-kawza u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-imputat u li fi ftit kliem jghid li kien l-allegat vittma li kien tah il-mobile phone li nstab fil-pussess tieghu mill-pulizija flimkien mas-somma ta' LM250 u dik esposta mill-prosekuzzjoni kif allegatament kien irraporta l-vitma Jean Matthieu li tghid li l-imputat seraq il-flus minghand il-vittma flimkien ma' zewg mobile phones waqt li heddu u sawtu. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-allegat vittma f'dan il-kaz ma xehedx lanqas sabiex jikkonferma r-rapport li ghamel mal-pulizija ezekuttiva u ghalhekk dak li ttentat tipprova l-prosekuzzjoni hu bazat biss fuq allegat rapport kif imsemmi fl-okkorrenza esebita.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm ma ghexietx il-process kollu hija semghet kemm lill-kwerelanti kif ukoll lill-imputat jixhdu u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li rat ix-xhieda li kienet giet gja dattolografata u semghet ix-xhieda importanti jixhdu viva voce quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has*

*to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni tellghat l-allegata vittma sabiex jixhed u dan spjega f'aktar dettal ir-rapport li kien ghamel fil-konfront tal-imputat lill-pulizija ezekuttiva u l-imputat ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jressaq xhieda in sostenn tat-tezi tieghu. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment

kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitat lill-imputat.

Illi f'din il-kawza il-prosekuzzjoni qed tallega li l-kwerelant u cioe' l-allegat vittma Filippo Mifsud, ragel ta' 75 sena kien gie aggredit mill-imputat li jigi hu l-mara tal-kwerelant u li ghandu 56 sena. Il-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda tal-kwerelant tghid li nhar is-17 ta' Novembru 2013 il-kwerelant kien ghadu gej mill-quddies filghaxija u meta gie biex jiftah id-dar sab lill-imputat quddiem id-dar tieghu u tah daqqa ta' ponn u qabadlu r-rota li kien fuqha u beda jimbottah biha. In segwitu l-kwerelant waqa' u l-imputat qabad serratizz li kien hemm u tah daqqa ohra bih. Il-kwerelant spjega li kull ma ghamel hu li talab lill-imputat biex inehhi l-mutur li kellu fil-bitha tad-dar li kien qed ibajjad peress li ma setghux jarmaw fil-bitha biex jaghmlu x-xoghol. Jghid li f'dan l-incident huwa sofra griehi ta' natura hafifa u nkisirlu n-nuccali kif jirrizulta mill-istima esebita.

Il-kwerlant cahad li hareg temprin mill-but, izda mill-but hareg biss cavetta biex jiftah id-dar. M'huwiex minnu li l-imputat qabad ir-rota biex jiddefendi ruhu, izda qabad ir-rota biex itih biha. Ikkonferma wkoll li kien l-imputat li qabad is-serratizz li kien barra l-forn u tah bih.

Min-naha l-ohra d-difiza qed issostni li kien l-kwerelant li beda l-glieda billi meta ra lill-imputat ipparkjat fl-istess triq fejn ghandu d-dar in komuni ma'

martu nizel minn fuq ir rota, mar fuqu u talbu sabiex inehhi t-tractor tieghu li ghandu fil-bitha ta’ din id-dar li hija proprjeta’ taghhom in komuni u fil-pront jghid li bdew jiggieldu u rah idahhal idejh fil-but u johrog mus. Meta ra hekk l-imputat mar fuqu mill-ewwel u jghid li l-kwerelant Filippo mexa bir-*reverse* u tfixkel fir-rota tieghu stess u waqa’ mal-art, qam jigri minn fuq ir-rota, sab seratizz minn hdejn tal-forn u gie biex jaghtih bih. Meta Filippo beda jaghtih bis-seratizz l-imputat qabad ir-rota tieghu stess u beda jilqaghlu biha.

Il-Qorti ezaminat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Monica Camilleri esebiet fl-atti u mmarkat bhala Dok MC 1 a fol. 1 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-kwerelant kellu s-segwenti griehi:

1. Hmura fuq in-naha ta’ quddiem tal-imnieher.

2. Girfa 0.5cm fil-wicc tal-id il-leminija.

3. Hmura fuq in-naha tax-xellug tas-sider madwar 10 x 9cm.

4. Tbengila 1 x 2cm fuq l-id tax-xellug ‘il fuq mill-polz.

5. Girfa 0.5cm fuq il-wicc tas-sebgha tan-nofs u ohra 0.5cm fuq il-wicc tas-sebgha tac-curkett ta’ id ix-xellugija.

6. Girfa 0.5cm ‘il fuq mill-ghaksa fuq in-naha ta’ barra tas-sieq ix-xellugija.

7. Girfa ohra ta’ 0.5cm il-fuq mill-ghaksa fuq in-naha ta’ gewwa tas-sieq il-leminija.

Illi dawn kollha gew deskritti bhala feriti ta’ natura hafifa.

Il-Qorti ezaminat ukoll id-dokument esebit fl-atti a fol 22 markat bhala Dok R3 minn fejn jirrizulta li l-hsara fin-nuccali tal-kwerelant tiswa s-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€255.10).

Illi d-difiza qed teccepixxi in linea difensjonali l-legittima difesa u cioe’ li hija ghamlet dak li ghamlet sabiex tiddefendi lilha nnifisha mill-agressjoni zejda tal-kwerelant.

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa’ b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jadatta dak it-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**Artikolu 233 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jiwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu jrid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed isehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif setgha hassu dak il-hin u mument cioe’ jekk kienx imbezzgha u/jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandhux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe’ l-imputat. Rinfaccat b'perikolu serju u imminenti kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistghax jippretendi li kellu jzomm il-kalma u fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright)*.

Illi fil-kaz odjen l-imputat li huwa bniedem ta’ statura mdaqqsa kellu xi jghid ma’ persuna anzjana u ta’ statura fragili. In oltre l-imputat kien fuq saqajh waqt li l-kwerelant kien ghaddej fuq rota. L-imputat qed jghid li huwa beza’ mill-kwerelant ghaliex dan hareg mus mill-but. Il-kwerelant dan jichdu u jghid li huwa hareg mill-but cavetta sabiex jiftah id-dar. Tali

versjoni hija kredibli fic-cirkostanzi u dan ghaliex l-incident kien sehh barra d-dar tieghu li dwarha tista' tghid inqala' dan l-incident. L-imputat jammetti li kien imbotta lill-kwerelant izda jghid li ghamel hekk ghaliex beza' minnu. Pero' mbaghad jirrizulta anke mid-difiza stess li l-kwerelant waqa' mal-art u ghalhekk kieku l-imputat kien qed jibza minnu ma kienx imur jigri 'l hemm izda le, x'ghamel, qabad u mar ifittex serratiz biex jaghti bih. Din hija l-istorja vero simili ta' dak li gara. U l-kwerelant sabiex hu jiddefendi ruhu mill-aggressjoni eccessiva tal-imputat qabad ir-rota tieghu stess li kien rikeb u ddefenda lilu nnfisu biha billi poggieha quddiemu biex jilqa' d-daqqiet. M'hemmx dubbju li l-imputat agredixxa lill-kwerelant u dan kif anke jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat u esebit fl-atti. M'hemmx dubbju wkoll li l-kwerelant sofra danni fin-nuccali tieghu minhabba din l-aggressjoni u b'hekk anke hawn meta l-imputat ra li l-kwerelant kien bla nuccali u ghalhekk il-vista tieghu wkoll ma kienitx cara mhux biss li hu persuna fragli ma kellux ghalfejn jibza minnu u minflok ma jitlaq 'l hemm jaggredih. Illi ghalhekk din id-difiza mhux qed tigi milqugha.

In vista tas-suespost l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti.

Dwar it-tielet u r-raba' akkuza u cioe' dawk kontravenzjoni dawk ma jirrizultawx provati u dan ghaliex ma giex provat li kien hemm xi ksur ta' paci pubblika. Il-prosekuzzjoni ma resqet lil hadd sabiex jghid li effettivament kien hemm xi ksur fil-paci pubblika u lanqas ma jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-imputat f'xi hin qal xi kliem oxxen u ndicenti fil-pubbliku.

Dwar il-hames akkuza u cioe' li minhabba l-agir tieghu ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza fuq Filippo Mifsud jinghad li din ukoll ma gietx provata ghaliex ghall-ezistenza ta' tali reat hemm bzonn li jkun hemm 'a course of conduct'.

F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ssostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tal-kwerelant sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tal-artikolu 258B tieghu timplika tal-anqas zewg okkazzjonijiet.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Raymond Parnis**" tal-24 ta' April 2009. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' din taqbel ukoll il-Qorti tal-Appelli Kriminali diversament komposta (din id-darba preseduta mill-STO Prim Imhallef Silvio Camilleri) kif enuncjat fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Micallef** moghtija nhar l-14 ta' Ottubru 2011.

Illi ghalhekk din il-hames akkuza ma gietx provata.

Dwar is-sitt akkuza u cioe' dik ukoll kontravenzjonali li hebb ghal Filippo Mifsud sabiex idejqu jew jghamillu hsara, il-Qorti thoss li din l-akkuza hija

inkorporata fl-ewwel akkuza fejn din il-Qorti gja sabet lill-imputat hati talli ikkaguna feriti ta' natura hfief fuq il-persuna anzjana ta' Filippo Mifsud.

Is-seba' akkuza talli huwa hedded jew ingurja lil Filippo Mifsud ma gietx provata *ut sic* lanqas.

Ai fini ta' piena l-Qorti rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol 10 et seq u rat li mhux wahda daqstant reflettarja ghandha biss tliet *convictions* registrati fuqha dwar ksur tal-Ordinanza ta' traffiku u ksur tal-avviz legali 19 tas-sena 1985 fejn gie kkundannat ihallas ammenda u nghata *unconditional discharge*. Illi ghalhekk fil-kawza odjerna l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi *conditional discharge* bl-obbligu li jhallas lill-kwerelant ghall-ispejjez li l-istess kwerelant sofra bhala rizutlat ta' dan l-incident.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 221, 251B, 325(b), 338 (bb) (dd) u 412C tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikoli 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre tobbligah sabiex fi zmien gimgha mil-lum ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€255.10) lill-kwerelant ghad-danni li l-istess kwerelant sofra. Dwar l-akkuzi kollha l-ohra din il-Qorti ma ssibux hati taghhom u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------